MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 422/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta**

**vs**

**Anthony Emanuel Grech**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvneut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u sittin lira Maltin u sittax il-centezmu (Lm463.16) rapprezentanti kontijiet pendenti ghal konsum tal-ilma u kiri ta' meter tal-ilma li jammontaw ghal Lm246.92 u konsum tal-elettriku u kiri ta' meter tal-elettriku ammontanti ghal Lm216.24 dovuti fil-fond garaxx 18, Telgha tal-Gizwiti, Marsa skond il-kont numru 225225200 u dan skond ma jirrizulta mid-dokumenti WSC1 u WSC2.

Bl-ispejjes, inkluzi Lm11.50 spejjes ta' ittra ufficjali tat-12 ta Frar 2003, u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi in linea preliminari certi ammonti mitluba huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Kodici Civili.
2. Illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut stante li l-konvneut ilu s-snin li ta' struzzjonijiet halli jitnehha l-*meter* tad-dawl u l-ilma u l-Korporazzjoni attrici baqghet inadempjenti u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost il-konvenut hallas xi ammonti minn dawk mitluba.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota a fol. Numru 11 tal-process fejn il-konvenut indika li huwa qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Illi din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fejn huwa qed jeccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, u cioe' l-preskeizzjoni ta hames snin. L-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici jirrigwarda l-konsum tad-dawl u tal-ilma u kera tal-*meters* relattivi ghall-perijodu mit-18 ta' Novembru 1996 sal-4 ta' Novembru 2002. Il-Korporazzjoni attrici esebiet ittra ufficjali datata 12 ta' Frar 2003 (a fol. 17 u 18 tal-process) liema ittra giet debitament notifikata lill-konvneut. L-istess Korporazzjoni attrici ma resqet ebda prova ohra li l-presktrizzjoni giet b'xi mod interrotta oltre permezz ta' l-imsemmija ittra ufficjali.

Jidher ghalhekk li l-ammont dovut ghall-perijodu bejn it-28 ta' Novembru 1996 sat-12 ta' Frar 1998 huwa preskritt a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecieid billi jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut limitatament in kwantu jirrigwarda l-ammont dovut ghall-konsum tad-dawl u tal-ilma u ghall-kera tal-*meters* relattivi ghall-perijodu bejn it-28 ta' Novembru 1996 sat-12 ta' Frar 1998 u jordna l-prosegwiment tal-kawza ghall-provi dwar il-mertu in kwantu jirrigwarda l-ammont mitlub ghall-perijodu bejn it-13 ta' Frar 1998 sal-4 ta' Novembru 2002.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------